MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 69/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Donna Hadhri nee Grech**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' sitt mija u erbgha liri Maltin u sittin centezmu (Lm604.60) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21550426 (C/N 1055832), liema servizz gie installat fil-falt bin-numru wiehed (1) Merhba Flats, Triq tan-Nahla, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument 'A'.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni."

Ra l-kapitoli pprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2004.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2004 imsemmija li fiha gew ipprezentati u approvati l-kapitoli u lanqas ghal dik tal-lum, minghajr ma gabet ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra taghha fis-seduta tal-lum;

U billi ma hemmx raguni l-ghali d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM604.60 ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21550426 bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez komprizi d-dritt professjonali tal-avukat patrocinatur tas-socjeta' attrici f'din il-kawza kompriz il-VAT fuq l-istess servizz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------